A.L. 88 ta' l-1999

## ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

### Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kiri ta' Fondi u Siti għall-*Parking* ta' Vetturi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u tas-subparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tal-partita 1 tat-Taqsima Tnejn tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kiri ta' Fondi u Siti għall-*Parking* ta' Vetturi).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Tifsir.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"fondi u siti għall-*parking* ta' vetturi" tfisser kull fond jew sit għall-*parking* ta' vetturi fejn isir ħlas għal dak il-*parking*, iżda ma għandux jinkludi proprjetà pubblika fejn ikun hemm *car park attendant* li jkollu liċenza skond ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il- Vetturi bil-Mutur. A.L. 128 ta' l-1994.

*Parking areas.*

(2) Kliem u frażijiet oħra għandu jkollhom it-tifsira lilhom mogħtija fl-Att.

**3.** Fondi u siti għall-*parking* ta' vetturi għandhom jitqiesu bħala *parking areas* għall-għanijiet tas-subparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tal-partita 1 tat-Taqsima Tnejn tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att.